Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 127/2016

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Michael Attard

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Attard detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 585662 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fl-24 t' Awwissu, 2016 7.30 pm bil-vettura HAC 026 gewwa Triq Louis Wettinger, Mellieha;

1. Soqt jew pruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f' post publiku iehor waqt li ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1));
2. Soqt jew pruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkonsmajt tant alcohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew ta' l-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15 B (1));

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrila xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti immultatu multa komplessiva ta' elf u mitejn ewro;

Issospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mill-lum u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih b' dan illi dina ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada it-terminu ta' sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Michael Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevokha u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; u sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel talba, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib lill-appellant hati, timmodifika l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena aktar minima. Dan dejjem salv ghall kull provediment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma cari u manifest u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, l-Ufficjal Prosekutur certament ma gabx l-ahjar prova possibli sabiex jelimina kull dubju, jew almenu prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, dwar l-identita' tal-persuna li fil-verita' kien qieghed isuq il-vettura u sussegwentament ikkaguna l-incident. Jigi rilevat li waqt ix-xhieda taghha bil-gurament, is-Sinjura Monica Bezzina li hija s-sid ta' wahda mill-vetturi li garbu hsarat sforz ta' dan l-istess incident, fl-ebda hin ma

identifikat lill-appellant bhala x-xufier tal-vettura. Dan ghaliex kien hemm hafna nies fejn l-incident.

In oltre, waqt ix-xhieda tieghu bil-gurament, il-Gwardjan Lokali 147 Ronnie Azzopardi, stqarr li hu ma kellu xejn x' jixhed dwar dan l-incident ghaliex ma kien jaf xejn dwaru. Jigi rilevat ukoll li mill-affidavit ta' PC 1591 u ta' PS 914, li jinsabu inseriti fil-process, had minnhom ma ra lill-imputat isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 026. Il-punt semplici imma wisq kardinali li ghamlet id-difiza fit-trattazzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, kien dwar il-fatt li min kien fil-kontroll tal-vetura li kkawzat l-incident, seta' possibilment kien kwalunkwe persuna ohra. Ghall-grazzja tal-argument, l-appellant seta' kien is-sid tal-vettura l-ohra li kienet involuta fl-incident.

Sfortunatament, peress li l-Ewwel Qorti ghazlet li tinjora kompletament dan il-punt basilari – imma li fil-kamp kriminali kien minn dejjem meqjus bhala wiehed sagru holqot precedent perikoluz hafna.

Sallum il-gurnata ghadu hadd ma jista' jghid – hlief fuq il-livell tal-possibli – min fil-vertia' kien qieghed isuq il-vettura u kkaguna dan l-incident. Fil-kamp penali kellhom jingiebu provi diretti jew almenu cirkostanzjali imma li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant. Dan ma sehhx. Provi f' dan il-kaz kellhom ikunu per ezempju xi filmati, ritratti, l-identifikazzjoni tax-xufier minn xi membri tal-pubbliku, etc. Imma minn dawn il-provi l-prosekuzzjoni ma resqet xejn 'il- quddiem.

Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq kongetturi jew supposizzjonijiet, u ghalhekk id-decizjoni taghha hija wahda unsafe u unsatisfactory. Dan isegwi illi fil-kaz odjern l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-imputat hat ital-ebda imputazzjoni. Dan ghaliex, is-semplici fatt li persuna tinsab fejn, jew addirittura gewwa (li mhux il-kaz), vettura lit kun involuta f' incident, m' ghandu qatt iservi bhala prova sufficjenti biex tasal ghall-konkluzjoni li

persuna kien qieghed isuq vettura partikolari. Dan tenuit kont ukoll tal-fatt li kien hemm diversi nies fejn il-karozzi involuti, kif propju xehedet is-Sinjura Monica Bezzina.

In oltre, l-Ufficjal Prosekutur ma pproduca l-ebda xhud minn Transport Malta biex jikkonferma li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 026 hija fil-verita' registrata fuq isem l-appellant.

Illi fit-tieni lok, jirrizulta b' mod car li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-provi. Ghalhekk il-principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kemm – il darba din tkun setghet ragonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni taghha m' ghandux japplika f' dan il-kaz.

Illi l-appellant jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-15 ta' Gunju, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et, fejn dwar l-identifikazzjoni ta' min iwettaq reat qalet is-segwenti:

'Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompattibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.'

Illi filwaqt li hemm prova cirkostanzjali fil-kaz odjern, pero' din certament li ma kinetx wahda mhux ambigwa u skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika. Ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamental ital-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju. Din hija kawza tipika fejn il-prosekuzzjonilahqat biss il-grad tal-prova fuq livell tal-possibli, li lanqas f'

kamp civili, jew sahansitra dak amministrattiv, ma jregi – ahseb u ara fil-kamp penali. Ghalhekk bla tlaqliq jinghad li l-Ewwel Qorti mhux talli ma segwietx il-massima in dubio pro reo, talli addiritura sabet lill-appellant hati fuq il-livell tal-possibli.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti hija marbuta man-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-persuna ta'l-appellanti bhala dik il-persuna li kienet qed issuq il-vettura involuta fis-sinistru stradali mertu ta' dan il-kaz. Lanqas fil-fehma ta'l-appellanti ma tressqet prova illi l-vettura li allegatament kienet qed tinsaq minnu hija fil-fatt irregistrata fuq ismu. Dan kollu fil-fehma tieghu ghalhekk wassal sabiex l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba fl-atti.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li terga' tisma' ix-xhieda li iddeponew fl-ewwel istanza u ezaminat l-*affidavits* tal-ufficjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni tal-kollizzjoni mertu tal-kaz u tistqarr illi dan l-appell jirrazenta il-fieragh u dan meta l-appellanti jishaq illi ma hemm l-ebda prova in atti li tindika illi huwa kien il-persuna li kien qed isuq il-vettura li instabet mahbuta f'zewg vetturi ohra ipparkeggjati gewwa l-Mellieha. Illi ix-xhud ewlieni f'dan il-kaz, li qatt ma giet

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

kontradetta minn ebda xhud iehor u lanqas gie ikkontro-ezaminat mill-appellanti kif kellu kull dritt illi jaghmel, kien l-ufficjal tal-pulizija li investiga dan l-incident u li kien l-ewwel persuna li wasal fuq il-post. Mix-xhieda tieghu jirrizultaw is-segwenti fatti inkonfutabbli:

1. instabet vettura mahbuta f'zewg vetturi ipparkeggjati li kienu jinsabu fid-direzzjoni l-opposta, liema vettura kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni HAC026.
2. il-vettura kienet ghadha bil-magna mixghula meta wasal il-kuntistabbli fuq il-post.
3. il-persuna li kienet tinsab hdejn il-vettura, kienet l-appellanti Michael Attard.
4. l-ufficjal tal-pulizija josserva illi l-appellanti kellu riha ta' xorb qawwija fuqu.
5. il-pulizija jitfi il-magna tal-vettura u izomm ic-cwievet taghha.
6. l-appellanti jigi infurmat li ser isirlu it-test tan-nifs  minhabba li tinxtamm riha qawwija ta' alkohol fin-nifs tieghu u ghalhekk jinghata t-twissija.
7. l-appellanti jittiehed l-ghassa tal-Qawra biex isirlu t-test tan-nifs li jindika li dan kien jeccedi l-limitu preskritt bil-ligi.
8. Wara dan ic-cavetta tal-vettura tinghata lura lix-xufier u cioe' lill-appellanti li fl-ebda hin ma jindika illi dik il-vettura ma kenitx tieghu jew li ma kienx qed isuqha hu.

Illi huwa minnu illi x-xhud Monica Bezzina li hija s-sid ta' wahda mill-vetturi ipparkeggjati involuti f'dan l-incident tghid illi hija ma ratx l-incident isehh u lanqas kienet f'posizzjoni taghraf lill-appellanti, kif lanqas seta' jaghti l-ebda indikazzjoni il-warden 47 Ronnie Azzopardi dwar dak li sehh billi huwa wasal fuq il-post meta l-appellanti kien diga ittiehed lejn l-ghassa tal-pulizija, madanakollu dak mistqarr mill-PC1591 ma ghandu ihalli l-ebda dubbju f'mohh min irid jiggudika dwar ir-reita fil-persuna ta'l-appellanti u cioe' illi kien hu biss dik il-persuna li kienet qed isuq il-vettura involuta fis-sinsitru stradali mertu tal-kaz.  Di piu' mill-istqarrija qasira li jirrilaxxja l-appellanti gewwa l-ghassa tal-Qawra u dan wara li gie moghti id-debita

twissija skont il-ligi jirrizulta u illi dak in-nhar hu kien mar ix-xalata gewwa l-Armier u fil-hin ta'l-incident kien sejjer lura id-dar[2].

Illi dawn il-fatti probatorji jistghu iwasslu sabiex jkun hemm presunzjoni ta' fatt ghall-akkuzi kif dedotti kontra l-appellanti; ossia jista' jkun hemm fatti bizzejjed li jindikaw b'mod indirett, u li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni, li l-appellanti kien qed isuq vettura fit-triq meta kien taht l-influwenza tax-xorb u dan minghajr hadd ma jkun effettivament ra s-sinistru isehh.

"Fi kliem Sir Rupert Cross, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*

U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' Archbold jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'*[3]"

Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-

---

[2] Ara okkorenza a fol 13 tal-process.

[3] Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda App Krim – 24/04/2002

appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur